Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 842/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’isimha proprju u ghan-nom ta’ l-Enemalta**
**Vs**
**Lorna Amber**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tal-Korporazzjoni pro et noe fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha kontijiet pendenti ghall-konsum ta’ l-ilma u kera ta’ meter ta’ l-ilma u ghall-konsum ta’ l-elettriku u kera ta’ meter ta’ l-elettriku, li jammontaw ghal elf, tlett mija sitta u sittin lira, sebgha u disghin centezmu (Lm1,366,97), fil-fond El Sueno, Triq il-Punici, Safi, skond il-kont numru 865545570;

Bl-ispejjes, inkluzi hdax il-Lira u hamsin centezmu (Lm11.50) spejjez ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Novembru, 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali;

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dan minhabba

(a) preskrizzjoni ta’ sentejn stante illi l-ammont allegatament dovut jirrikorri mis-sena 1994;

(b) li hija qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali;

(c) li hija kienet infurmat lill-attur li kienet telqet mill-fond fis-sena elfejn (2000) u li sid il-fond ma riediex taqleb l-arlogg ta’ l-ilma u dawl fuq isimha;

(d) li sakemm telqet mil-fond l-meter kien ferm anqas;

(e) li hi m’ghandhiex tbati l-ispejjes;

(f) salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta’ Joseph Caruana, li jispjega illi mill-kont kienu tnaqqsu s-somma ta’ elf tlett liri u tnejn u disghin centezmu (Lm1003.92). Peress li l-post kien gie rikostruwit, kien hadu l-qari mill-meters li kienu twahhlu bis-service gdid. Ighid li l-konvenuta kienet talbet ghajnuna u kienu ghamlu aggustament meta ma sabux l-meters antiki u kienu biss zammew ghoxrin lira (Lm20) tal-meter, ghaxar liri (Lm10) ta’ l-ilma u tmintax-il lira (Lm18) spejjes legali;

Ra d-dokumenti esebiti;
Ikkunsidra

Illi, dan it-Tribunal preliminarjament irid jiddeciedi fuq l-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta qabel jibda jikkonsidra l-eccezzjonjijiet l-ohra;

F’dan il-kuntest, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma pro.et.noe. vs Emmanuel Grixti (App 10.01.2007),** fejn gie hemm enuncjat li l-Korporazzjoni toffri lil terzi servizz ta’ilma u dawl u l-fatt ta’ meter rentals “***hu biss incidentali ghall-prestazzjoni ta’ dak is-servizz.”***

Fil-kaz **John Scicluna noe. vs Robert Spiteri (PA 5.11.1992)** gie enuncjat ukoll illi "***anke jekk dak il-kaz mhux ezattament identiku, trattasi minn talba ghall-hlas ta' servizz tat-telephone. Jibqa' l-fatt illi dak l-istess hsieb f'dik is-sentenza huwa valevoli ghall-fattspeci tal-kaz in diskussjoni, u allura, l-preskrizzjoni li, se mai, kienet applikabbli hi dik ikkontemplata fl-Artikolu 2156(f), u mhux ukoll dik ta' l-Artikolu 2148 (f).***"

Ghaldaqstant, fl-ewwel lok it-Tribunal qed jiddikjara li *caso mai* kellha tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali u mhux dik invokata mill-konvenuta. It-Tribunal, pero' sejjer jezamina jekk din il-preskrizzjoni kwinkwennali iddekorrietx favur il-konvenuita jew gietx interrotta;

Dan il-kaz huwa ghal kollox nieqes mill-provi. Xehed biss rapprezentant tal-Korporazzjoni u xejn aktar minn hekk. Il-konvenuta naqset li tidher jew tipprezenta xi xhieda sabiex tissostanzja l-eccezzjonijiet taghha;

Madanakollu, t-Tribunal jinnota li l-konvenuta kienet ammettiet li kellha thallas dawn il-flus, izda kellha problema peress li r-ragel taghha kien jinstab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u kellha bzonn xi ghajnuna, ghaliex kienet tinstab f'qaghdha finanzjarja prekarja;

Hemm xi ittri li juru l-korrispondenza bejn il-Korporazzjoni u l-konvenuta fejn spjegat x'kienet il-posizzjoni taghha u ntlahaq ftehim mal-Korporazzjoni fit-28 ta' Mejju, 1999 ( vide Dokument WSC 3) .

Dan il-ftehim per se jindika li l-konvenuta kienet qed tirrikonoxxi illi hija debitrici tal-Korporazzjoni;

***"Fihom insibu estrinsikati r-rekwiziti okkorrenti ta l-esternazzjoni ta' dik il-volontarjeta', konsapevolezza u inekwivocita', tar-rikonjizzjoni tal-kreditu u dan hu tradott fl-interruzzjoni tal-preskrizzjoni opposta, a norma ta' l-Artikolu 2133 Kodici Civili." -***

***Korporazzjoni ghas-Servizzi ta'l-Ilma pro.et.noe. vs Emmanuel Grixti (App 10.01.2007)."***

Jizdied ukoll illi l-istess preskrizzjoni kwinkwennali giet ukoll interrotta bl-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 2002 li kuntrarjament ghal dak li issostni l-konvenuta giet notifikata lilha fil-15 ta' Novembru,2002 .
In vista ta' dan, ghalhekk, kemm l-ewwel kif anke t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ghandhom u qed jigu respinti;

Fl-ahharnett, minhabba li hemm nuqqas assolut ta' provi da parti tal-konvenuta, it-tielet, raba' u hames eccezzjoni ukoll qed jigu respinti fl-isfond tal-prova soddisfacjenti maghmula mill-Korporazzjoni attrici li l-ammont mitlub huwa dovut;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal u prevja ir-rigett tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talbiet tal-Korporazzjoni pro et noe u konsegwentement jordna lill-konvenuta thallasha is-somma ta' elf, tlett mija sitta u sittin lira, sebgha u disghin centezmu (Lm1,366,97), dovuti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond El Sueno, Triq il-Punici, Safi, skond il-kont numru 865545570.

Bl-ispejjes kif mitluba u l-imghax mill-11 ta' Marzu,1997.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------